

Dispożittiv

- 1) *Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1035), hija annullata.*
- 2) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C (2009) 7492 finali, tat-30 ta' Settembru 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 65 KEFA (Każ COMP/37.956 – vireg għar-rinfurzar tal-konkrit, adozzjoni mill-ġdid), fil-verżjoni emendata tagħha bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 9912 finali, tat-8 ta' Diċembru 2009, hija annullata f'dak li jirrigwarda Ferriere Nord SpA.*
- 3) *Il-Kummissjoni għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż ta' Ferriere Nord SpA, inkorsi kemm għall-proċedura fl-ewwel istanza kif ukoll għal dan l-appell.*

(¹) ĠU C 146, 04.05.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-21 ta' Settembru 2017 – Riva Fire SpA, fi stralċ, vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-89/15 P) (¹)

Appell — Akkordji — Produtturi Taljani ta' vireg għar-rinfurzar tal-konkrit — Iffissar tal-prezzijiet kif ukoll limitazzjoni jew kontroll tal-produzzjoni u tal-bejgħ — Ksur tal-Artikolu 65 KEFA — Annullament tad-deċiżjoni inizjali mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea — Deċiżjoni adottata mill-ġdid abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 — Assenza ta' fruġ ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida — Assenza ta' seduta wara l-annullament tad-deċiżjoni inizjali — Terminu inkors fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali

(2017/C 392/05)

Lingwa tal-proċedura: it-Taljan

Partijiet

Appellanti: Riva Fire SpA, fi stralċ, (rappreżentanti: M. Merola, M. Pappalardo, T. Ubaldi u M. Toniolo, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Malferrari u P. Rossi, aġenti, assistiti minn P. Manzini, avukat)

Dispożittiv

- 1) *Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-9 ta' Diċembru 2014, Riva Fire vs Il-Kummissjoni (T-83/10, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1034), hija annullata.*
- 2) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C (2009) 7492 finali, tat-30 ta' Settembru 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 65 KEFA (Każ COMP/37.956 – vireg għar-rinfurzar tal-konkrit, adozzjoni mill-ġdid), fil-verżjoni emendata tagħha bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 9912 finali, tat-8 ta' Diċembru 2009, hija annullata f'dak li jirrigwarda Riva Fire SpA.*
- 3) *Il-Kummissjoni għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż ta' Riva Fire SpA, inkorsi kemm għall-proċedura fl-ewwel istanza kif ukoll għal dan l-appell.*

(¹) ĠU C 146, 4.5.2015.